MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2012

Talba Numru. 957/2011

Time International (Sport) Ltd

Vs

Print Shop Limited

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fil-10, ta' Novembru 2011 fejn is-socjeta attrici talbet illi s-socjeta konvenuta ghandha tigi kkunddannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf, mitejn u wiehed u erbghin Ewro u wiehed u disghin centezmu (€1241.91) liema ammont huwa dovut ghall-merkanzija mibjugha u konsenjata mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta.
Illi s-socjeta konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bil-ispejjez tal-kawza kif ukoll tal-ittra legali tal-14 ta' Ottrubru, 2011 u bl-imghax legali mid-9 ta' Awissu, 2011 d-data ta' l-ahhar invoice sal-effett pagament.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni tas-socjeta konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament tieghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm s-socjeta konvenuta giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tal-10 ta' Jannar, 2012 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta tal-10 ta' Jannar, 2012 u filfatt is-socjeta konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf mitejn u wiehed u erbghin Ewro u wiehed u disghin centezmu (€1,241.91) flimkien mal-imghax mid-9 ta' Awissu 2011 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tas-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------